StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 2

**IR-RABA' SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-Isem : ________________________** **Il-Klassi : ___________________**

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| **Il-Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F** | **Ġ** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Marki** | **10** | **20** | **4** | **8** | **8** | **30** | **20** | **100** |
| **Il-Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:



Jirrakkontaw ġrajja sempliċi iżda sinifikattiva ħafna, ta' xwejjaħ li ta' kuljum kien ibakkar biex ikun preżenti u jgħin lil martu tieħu l-*breakfast* fid-dar tax-xjuħ fejn kienet ilha rikoverata. Ix-xwejjaħ ma kien ifalli qatt u kien jagħmel din il-missjoni ċkejkna b'imħabba u b'dedikazzjoni. *(par. 1)*

Jum minnhom wasal mgħaġġel mgħaġġel għax qabel kien ħtieġlu jmur jiddewwa l-isptar. "Għalfejn toqgħod titħabat u tgħaġġel ta' kuljum biex tkun fil-ħin?" staqsietu l-infermiera. "Lanqas ħaqq il-ġiri u t-taħbit biex imbagħad, martek, lanqas biss tagħrfek. Lanqas biss taf min int." *(par. 2)*

"Hi ma tafx min jien. Imma jien naf min hi," weġibha pront pront ix-xwejjaħ. Minkejja d-dimenzja qawwija li kienet tellgħet bħal ħajt li għalaq il-komunikazzjoni bejn dawn il-miżżewġin xjuħ, l-imħabba li kellu r-raġel lejn martu kienet baqgħet ħajja. Għalih, martu ma saritx oġġett, imma baqgħet il-mara li kien dejjem ħabb u li magħha kien qasam ħajtu. *(par. 3)*

X'seħer u x'qawwa għandha l-imħabba meta tkun ġenwina u jkollha għeruq fondi! Taħsbux li r-rakkont li semmejt hu xi wieħed uniku. Hawn ħafna nies li lesti jagħmlu kull sagrifiċċju biex jibqgħu juru l-għożża tagħhom lejn xi persuna li jkunu jħobbu. *(par. 4)*

(silta minn kitba ta' Mons. Manuel Curmi li dehret f'*Leħen mill-Arka* ta' Jannar – April 2012)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. Liema minn dawn hu l-aktar titlu addattat għas-silta? Agħmel sing taħtu.

   L-anzjani Il-qawwa tal-imħabba Mara xiħa fl-isptar (marka)

2. Liema ġrajja jirrakkontaw?

   ______________________________________________________________

   ____________________________________________________ (2 marki)

3. Ir-raġel b'xiex kien jagħmel il-missjoni tiegħu ?

   ____________________________________________________ (marka)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Għaliex l-infermiera qaltlu: "Lanqas ħaqq il-ġiri u t-taħbit"?

_______________________________________________ (marka)

5. X'kienet it-tweġiba tax-xwejjaħ?

_______________________________________________ (marka)

6. X'kienet ir-raġuni li martu ma kinitx tagħrfu?

_______________________________________________ (marka)

7. Taħseb li l-awtur tas-silta hu fiduċjuż fis-seħer tal-imħabba? X'hemm fis-silta li juri dan?

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

### GRAMMATIKA / MORFOLOĠIJA

1. Imla l-vojt b'konġunzjoni skont it-tifsira fil-parentesi, bħal fl-eżempju. (3 marki)

i. Marija **u** Anna marru sal-Buskett. (KOORDINAZZJONI)

ii. "Jew tagħmel hekk __________ tbati" (GĦAŻLA)

iii. L-ewwel mar l-Amerka, __________ mar l-Awstralja. (ŻMIEN)

iv. Li _________ u li kien qatt ma ltaqgħu flimkien. (KUNDIZZJONI)

2. Imla l-vojt bl-avverbju t-tajjeb mill-kaxxa t'isfel, bħal fl-eżempju. (4 marki)

Manwel kien għadu **kemm** għalaq ħames snin _______ billi ġieb ruħu, kien juri iżjed. Ommu Anna, mara armla, _______ kellhiex ħliefu u kienet tħobbu _______. _______ jisbaħ kienet tagħtih skutella ħalib.

| ma, | ħafna, | Malli, | **kemm**, | iżda |
|---|---|---|---|---|

3. Iz-zokk morfemiku ta' **pparkja** hu **park**. Agħti dak ta': (2 marki)

i. ffilmja - __________ ii. edukazzjoni - __________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. Agħmel mistoqsijiet billi tuża l-**Passiv,** bħal fl-eżempju. (2

i. Staqsi mistoqsija dwar min kiteb ir-rumanz *Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta*.

Minn min inkiteb ir-rumanz *Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta*?

ii. Staqsi mistoqsija dwar min ivvinta r-radju.

____________________________________________________

iii. Staqsi mistoqsija dwar min skopra l-Amerka.

____________________________________________________

**ANALIŻI TESTWALI**

5. *mgħaġġel mgħaġġel* (*par. 2*) tfisser:

(a) mgħaġġel ftit ___; (b) mgħaġġel ħafna ___; (ċ) mgħaġġel ___. (marka)

6. *X'seħer u x'qawwa għand**ha** l-imħabba meta tkun ġenwina u jkoll**ha** għeruq fondi!* (*par. 4*) Għal xiex qegħdin jirreferu l-partijiet b'sing taħthom?

________________________________________________ (marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Minflok il-kelma ***ġrajja*** (*par. 1*) nistgħu niktbu ____________________. (marka)

8. (i) Sib minn paragrafu 2 il-kelma li tfisser **kellu bżonn**. ______________ (marka)

(ii) Sib minn paragrafu 4 il-kelma li tfisser **ta' vera**. ______________ (marka)

**SINTASSI**

9. Erġa' ikteb is-sentenza li ġejja, din id-darba bil-**punteġġjatura** f'postha. (4 marki)

sewwa qal toni lil marija li kienet għadha ġejja mill-ħamrun

____________________________________________________

____________________________________________________



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4

Ikteb in-numri fil-kaxxa t-tajba bħal fl-eżempju ħalli tkompli l-**qwiel** jew l-**idjomi**:

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | Qed jgħix | | biex it-tajjeb ma jonqosx. |
| 2 | Bħal qasba | | b'ġebla waħda. |
| 3 | Aħseb il-ħażin | **1** | f'dinja oħra. |
| 4 | Toqtol żewġ għasafar | | aħjar il-bard ta' Jannar minnha. |
| 5 | Xemx li ma ssaħħanx | | tixxejjer mar-riħ. |

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel **wieħed** minn (a) u (b) u ikteb madwar **60** kelma.

(a) Int ġurnalist/a ma' gazzetta lokali. Kont għaddej/ja minn triq prinċipali u rajt inċident tat-traffiku. Ikteb rapport għall-gazzetta li taħdem magħha.

***JEW***

(b) Int tħobbhom it-tiġrijiet taż-żwiemel fil-festi reliġjużi ta' pajjiżna? X'inhi l-opinjoni tiegħek?



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI** (8

Ikteb madwar **60** kelma fuq **il-bilingwiżmu** jew fuq **it-tagħlim tal-lingwi barranin,** temi
għamilt tiftix dwarhom fil-proġett ta' din is-sena li kien marbut mal-kultura lingwistika f'Malta.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

**F. LETTERATURA** (30 marka)

**Taqsima A: Ir-Referenza għall-Kuntest *(Bejn Ħaltejn)*** **(15-il marka)**

Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:

## Silta minn *Niftakar,* ta' Anton Buttigieg

Niftakar
tal-qniepen il-mota newwieħa,
u riħa
tal-ward tal-kuruni;
u erba' gandlieri
u żewġ fillieri
ta' tfal iltiema
jgħidu l-Missierna u s-Sliema
u r-rekwijem eterni,
u stola sewdiena,
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
żgħożitek
sbuħitek
hekk ħesrem mitmuma f'tebut;



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
il-ħsejjes tax-xorok jinqalgħu,
il-qabar, il-għadam, id-dud,
il-ħabel iżaqżaq bil-piż tat-tebut;
il-ħoss tal-kazzola mal-art,
u l-qabar jitgħatta bil-ward;
imb'għad lura d-dar,
u talb u ružarju
sa xħin il-ħin sar;
il-qraba u l-ħbieb
qajl qajl qabdu l-bieb,
u bqajna ġo darna
fid-dawl tal-Madonna
weħidna flimkien
jien u l-Baħħ
il-Baħħ u jien,
jien nibki l-Baħħ jibki
ħdejn sodda ta' tnejn
mifruxa ta' xejn!

a. X'inhu l-kuntrast mal-ewwel parti tal-poeżija? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. X'jagħmel din il-poeżija eleġija? Ikkwota xi vers/versi biex turi dan. (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

ċ. Kif inhu t-ton f'din is-silta tal-poeżija? (marka)

______________________________________________________________________

d. Sib u ikteb (a) sinkope, (b) personifikazzjoni. (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

e. Ikteb dwar il-metrika ta' **din is-silta** tal-poeżija. (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B: It-tbatija f'Bejn Ħaltejn** **(6 m**

F'madwar 60 kelma ikteb dwar it-tema tat-tbatija kif tidher fix-xogħlijiet (poeżiji/proża) ta' *Bejn Ħaltejn*.

**Taqsima Ċ: Il-Komponiment Letterarju *(Il-Ħarsa ta' Rużann)*** **(15-il marka)**

Agħżel bejn (a) u (b) u ikteb komponiment ta' madwar **150** kelma fuq karta separata.

(a) Iddeskrivi l-karattru ta' Rużann.

***Jew***

(b) Ikteb dwar ir-relazzjoni ta' bejn Mark Antonin u Rużann.

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300** kelma fuq karta separata.

1. Meta darba kont marid/a

2. Aħbar sabiħa

3. X'għamilt fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet

4. Il-festa tar-raħal

5. Il-paċi fid-dinja ħolma?



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers